

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Informazzjoni rigward id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-KE

Il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 kif rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽¹⁾, daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2017, f'konformità mal-Artikolu 93(3) tal-Ftehim, billi l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni ġie ddepożitat fis-27 ta' Jannar 2017.

Avviż dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika (SPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika (SPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, għandu, skont l-Artikolu 30.2 tiegħu, jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' April 2017. Bis-saħħa tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-partijiet li ġejjin tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Kanada, iżda biss sa fejn ikopru kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, inkluż kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni li tiddefinixxi u timplimenta politika estera u ta' sigurtà komuni:

- (a) Titolu I: l-Artikolu 1;
- (b) Titolu II: l-Artikolu 2;
- (c) Titolu III: l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7(b);
- (d) Titolu IV:
 - l-Artikolu 9, l-Artikoli 10(2), 10(3), 12(4), 12(5) u 12(10), u l-Artikoli 14, 15, 16 u 17;
 - l-Artikoli 12(6), 12(7), 12(8), 12(9) u l-Artikolu 13, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-materji li fir-rigward tagħhom l-Unjoni tkun diġà eżerċitat il-kompetenzi tagħha internament;
- (e) Titolu V: l-Artikolu 23(2);
- (f) Titolu VI: l-Artikoli 26, 27 u 28;
- (g) Titolu VII: l-Artikoli 29, 30, 31, 32, 33 u 34, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠUL 287, 4.11.2010, p. 3.

⁽²⁾ ĠUL 329, 3.12.2016, p. 45.